



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.3.2018
SWD(2018) 59 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

Li jakkumpanja d-dokument

**PROPOSTA GĦAL REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-
KUNSILL**

**li jistabbilixxi pjan pluriennali għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-
Punent tal-Mediterran**

{COM(2018) 115 final} - {SWD(2018) 60 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv

Valutazzjoni tal-impatti ta' Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi pjan pluriennali għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran

A. Ħtieġa li ssir azzjoni

Għalfejn? X'inhom l-problema li qed tiġi indirizzata?

Hemm żewġ problemi kbar fis-sajd li jisfrutta l-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran. Dawn huma **I-livelli għoljin ta' sajd eċċessiv u l-qafas regolatorju li mhuwiex effettiv**. L-użu eċċessiv tal-kapaċità tas-sajd (jiġifieri ħafna bastimenti u ħafna sforz tas-sajd) ġie identifikat bħala r-raġuni ewlenija għas-sajd eċċessiv. Fl-istess ħin, il-qafas regolatorju attwali mhuwiex effettiv minħabba l-kamp ta' applikazzjoni limitat tiegħu, l-implimentazzjoni bil-mod u ħażina tiegħu u n-nuqqas ta' responsabbiltà tal-partijiet ikkonċernati fih. Dawn iż-żewġ problemi wasslu, direttament jew indirettament, għall-istat allarmanti tal-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ (jiġifieri aktar minn 80 % tal-istokkijiet ivvalutati huma mistada b'mod eċċessiv u l-bijomassa ta' xi wħud minnhom hija baxxa ħafna, li jindika li hemm probabbiltà kbira li l-istokkijiet jiġu eżawriti), għal implikazzjonijiet soċjoekonomiċi għas-sajjeda u għas-settur tas-sajd, u għal impatti fuq l-ambjent marin.

Il-problemi deskritti hawn fuq jaffettwaw b'mod ewlieni lis-sajjeda li jistadu għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran, jiġifieri l-flotot tal-UE tal-Italja, ta' Franza u ta' Spanja. Skont id-dejta li għet irrappurtata fil-kuntest tal-ġbir tad-dejta dwar is-sajd fl-UE, din l-inizjattiva jaf tolgot lil madwar 13 000 bastiment.

X'inhom mistenni li tikseb din l-inizjattiva?

L-għanijiet **ġenerali** huma dawn li ġejjin: li jinkisbu l-għanijiet tal-PKS (l-Artikolu 2) b'rabta mas-sajd għall-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran, u b'mod partikolari li jiġi żgurat li l-attivitajiet tas-sajd ikunu sostenibbli fit-tul mill-ambjentali u li dawn jiġu ġestiti b'mod li jippermetti li jkun hemm benefiċċji ekonomiċi, soċjali u għall-impjegji; u li jittejjeb il-qafas regolatorju ta' ġestjoni għal dan it-tip ta' sajd.

L-għanijiet **speċifiċi** huma dawn li ġejjin: (i) li sal-2020 tinkiseb u tinżamm mortalità mis-sajd fil-livell tar-rendiment massimu sostenibbli għall-istokkijiet kollha tal-ħut tal-qiegħ; (ii) li tiżdied is-selettività tax-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ, b'mod partikolari biex bihom ma jinqabadx ħut li jkun għadu qed jikber; (iii) li tkun żgurata s-sostenibbiltà tas-settur tas-sajd; u (iv) li jiġi pprovdut qafas ta' ġestjoni effettiv li jkun aktar sempliċi, aktar stabbli li fih ikollhom iktar responsabbiltà l-partijiet ikkonċernati.

X'inhom l-valur miżjud tal-azzjoni fil-livell tal-UE?

L-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ u l-bastimenti tas-sajd għal dan it-tip ta' ħut huma transkonfinali, u b'hekk l-azzjoni fil-livell tal-Istati Membri biss x'aktarx li mhix se tkun effettiva biex jinkisbu l-għanijiet. Biex ikunu effettivi l-miżuri jridu jkunu kkoordinati u japplikaw għaż-żona kollha ta' distribuzzjoni tal-istokkijiet u għall-flotot kollha kkonċernati; għaldaqstant hija meħtieġa azzjoni fil-livell tal-UE.

B. Soluzzjonijiet

Liema huma l-għażliet ta' politika leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi li tqiesu? Teżisti għażla ppreferuta jew le? Għalfejn?

Tqiesu tliet għażliet ta' politika: **I-Għażla nru 1** "L-ebda bidla fil-politika" - L-ewwel għażla hija li jinżamm l-*istatus quo*, jew li ma ssir ebda bidla fil-politika (jiġifieri jibqa' japplika l-qafas regolatorju eżistenti). Din tintuża bħala punt ta' referenza li jitqabblu miegħu l-għażliet alternattivi; **I-Għażla nru 2** "L-emendar tal-qafas ta' ġestjoni attwali" - F'din l-għażla, l-għodda tal-ġestjoni attwali, jiġifieri l-pjanijiet ta' ġestjoni nazzjonali, jiġu riveduti biex jinkludu l-għanijiet tal-PKS. L-aspetti ewlenin li jridu jitqiesu fir-rieżami jkunu: emendi għall-kamp ta' applikazzjoni attwali (f'dak li għandu x'jaqsam mal-istokkijiet tal-ħut, mat-tip ta' sajd, u maż-żona koperti); għanijiet ta' konservazzjoni ġodda, bħar-rendiment massimu sostenibbli (l-MSY); miri u skedi taż-żmien kwantifikabbli; u salvagwardji ġodda; u **I-Għażla nru 3** "L-adozzjoni ta' pjan pluriennali fil-livell tal-UE" - Din l-għażla timmira li jkun żgurat li l-flotot tas-sajd tal-UE li jistadu għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran ikunu rregolati minn qafas regolatorju uniku u integrat fil-livell tal-UE.

L-għażla ppreferuta hija **I-Għażla nru 3: pjan pluriennali fil-livell tal-UE**, billi din tagħti l-aħjar riżultati għall-għanijiet ambjentali u soċjoekonomiċi kollha. Din l-għażla taqbel aktar ukoll mal-PKS riformata u hija aktar

issimplifikata (qafas regolatorju ewlieni wieħed), aktar stabbli (tqis il-perspettiva fit-tul) u aktar trasparenti (billi t-tliet Stati Membri kkonċernati jaddattaw b'mod konġunt il-mortalitajiet mis-sajd attwali għal livelli sostenibbli permezz ta' Regolament tal-Kunsill) mill-għażliet 1 u 2.

Min jappoġġa l-għażliet differenti?

Il-partijiet ikkonċernati kollha li ġew ikkonsultati qablu li l-qafas tal-ġestjoni attwali (l-Għażla nru 1, jew ix-xenarju ta' referenza) mhux se jkun biżżejjed biex jintlaħqu l-għanijiet tal-PKS. Il-konsultazzjoni wriet li l-maġġoranza tal-partijiet ikkonċernati ma jaqblux mal-għażla li l-qafas tal-ġestjoni attwali jiġi emendat (l-Għażla nru 2) għaliex kieku l-problemi deskritti qabel jibqgħu. Min-naħa l-oħra, il-maġġoranza l-kbira tal-partijiet ikkonċernati (jiġifieri l-MEDAC, l-amministrazzjonijiet pubbliċi, l-NGOs u l-komunità xjentifika) huma tal-fehma li l-aħjar soluzzjoni fit-tul hija li jkun hemm pjan pluriennali tal-UE (l-Għażla nru 3). Fil-fehma tagħhom, dan l-approċċ huwa ġġustifikat minħabba li dan it-tip ta' sajd jinvolvi ħafna speċijiet, minħabba li hemm diversi Stati Membri involuti u minħabba l-interazzjonijiet bejn it-tipi ta' rkaptu differenti u t-tipi ta' sajd differenti.

C. L-impatti tal-għażla ppreferuta

X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, u jekk m'hemmx, x'inhuma l-benefiċċji ewlenin)?

Mill-perspettiva ambjentali, il-mudellar jissuġġerixxi li madwar 70 % tal-istokkijiet ivvalutati jerġgħu jirkupraw għal livelli tal-bijomassa tal-istokk riproduttivi li jkunu ogħla mill-punt ta' referenza ta' prekawzjoni tal-B_{PA} sal-2025. Madankollu, il-probabbiltà li jinkisbu l-miri tal-mortalità mis-sajd għall-istokkijiet kollha se tibqa' baxxa, u se tkun ta' madwar 36 %. Is-simulazzjonijiet jissuġġerixxu li fil-pjan pluriennali ma jintlaħaq tajjeb l-ebda indikatur. Madankollu, din l-għażla tagħti riżultati li huma sostanzjalment aħjar minn dawk tax-xenarju ta' referenza u anki minn dawk tal-Għażla nru 2 f'dak li għandu x'jaqsam mat-tibdil fl-F_{MSY}. Minn perspettiva soċjoekonomika, segment wieħed biss tal-flotta jkun f'riskju finanzjarju sal-2025 (tmien segmenti tal-flotta inqas milli fix-xenarju ta' referenza). Is-segment tal-flotta affettwat (jiġifieri l-bastimenti tax-xbieki Spanjoli li b'kollox huma twal bejn 12-il metru u 18-il metru) fih 52 bastiment.

Barra minn hekk, il-pjan pluriennali jkun issimplifikat (qafas regolatorju ewlieni wieħed), ikun aktar stabbli (iqis il-perspettiva fit-tul) u jkun aktar trasparenti (billi t-tliet Stati Membri kkonċernati jadattaw b'mod konġunt il-mortalitajiet mis-sajd attwali għal livelli sostenibbli permezz ta' Regolament tal-Kunsill) mill-qafas emendat.

X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, u jekk m'hemmx, x'inhuma l-kostijiet ewlenin)?

Il-pjan pluriennali jkun jimplika kostijiet akbar marbutin mal-impjegati u mal-profittabbiltà tranżitorji minħabba t-tnaqqis sostanzjali li hu meħtieġ biex jinkisbu l-miri tal-mortalità mis-sajd. Din l-għażla tpoġġi lil tmien segmenti tal-flotta f'riskju finanzjarju sal-2022 (tliet segmenti tal-flotta aktar mix-xenarju ta' referenza). Dawn huma l-bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ Franċiżi, Spanjoli u Taljani li b'kollox huma twal bejn 18-il metru u 40 metru, u għadd ta' rkapti passivi Spanjoli (eż. il-bastimenti tas-sajd bil-konz li huma twal bejn 6 metri u 12-il metru). It-tmien segmenti tal-flotta fihom 1 415-il bastiment, 6 193 sajjied li huma impjegati b'ekwivalenza ta' ingaġġ full-time, u 3 100 impjegat f'attivitajiet anċillari li jinsabu f'riskju. Iżda bil-pjan pluriennali, ir-rendiment soċjoekonomiku mistenni jitjieb fil-flotot kollha sal-2025, u 25 mis-26 flotta mistennija jkollhom profit.

Kif se jiġu affettwati n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi?

L-impatti deskritti hawn fuq kollha huma mistennija li jkunu rilevanti speċjalment għall-SMEs, billi l-maġġoranza l-kbira tan-negozji tas-sajd li huma involuti fis-sajd għall-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran huma mikrointrapriżi (bħala medja, 89 % tal-intrapriżi Franċiżi, Taljani u Spanjoli tas-settur tas-sajd għandhom bastiment wieħed biss). Għaldaqstant m'hemmx raġuni għalfejn dawn ma għandhomx jiddaħflu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-inizjattiva, inkella l-inizjattiva tkun bla skop. Għalhekk il-pjan pluriennali probabbilment ikun japplika għall-intrapriżi kollha, anki għall-SMEs, sa punti differenti skont kif l-Istati Membri jiddeċiedu li jallokaw it-tnaqqis meħtieġ fis-segmenti diversi tal-flotta.

Se jkun hemm xi impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?

L-istabbiliment tal-pjan pluriennali u tar-reġim il-ġdid tal-ġestjoni tal-isforz jista' jiswielhom xi spejjeż amministrattivi żejda lill-Istati Membri, iżda dawn jistgħu jiġu koperti mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (il-FEMS) (permezz tal-Artikolu 36 tal-FEMS). Wara perjodu ta' tranżizzjoni, huwa mistenni li l-ispejjeż amministrattivi (li huma ekwivalenti għal dak li hemm bżonn biex jinżamm il-qafas regolatorju stabbilit) jonqsu u

jiġu iżjed allinjati mal-benefiċċji li jiġu jekk jinkisbu l-għanijiet stabbiliti.

Se jkun hemm xi impatti sinifikanti oħra?

Le.

D. Segwitu

Meta se tiġi rieżaminata l-politika?

Il-pjan u l-impatti tiegħu se jiġu evalwati mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd ħames snin wara li jkun daħal fis-seħħ. Imbagħad il-Kummissjoni se tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-riżultati ta' din l-evalwazzjoni.